Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 30**

**L-ERBGHA 19 TA' DICEMBRU 2013 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER – 5.40PM |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLLIER |

**Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti wkoll l-Ambaxxatur Lokali taz-zghazagh ghall-VOT 16.**

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJOI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Nru.29 gew approvati. Il-Kunsillier A. Curmi ppropona u l-Kunsillier R. Rossignaud issekonda.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Is- Sindku staqsa dwar il-permessi rikjesti mill-MEPA ghall-fondi mill-UIF dwar il-progett ta' tisbieh u *landscaping* fi Triq il-Qasam. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li l-MEPA talbu l-approvazzjoni u ghal dokumenti ta' pjanti mit-Transport Malta li orginalment dawn gew sottometti mill-Perit tal-Kunsill. Huwa rega' ghadda kopja tal-korrispondenza flimkien ma' dokumenti rikjesti *by hand* lill-ufficjali tat-Transport Malta.

2. Is-Sindku nforma li wara li saret laqgha ma' l-ufficjali tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, gie deciz li hekk kif jigi nstallat l-apparat dan is-servizz se jibda' jinghata mill-ufficju tal-Kunsill. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inakirgu li jikkuntattja lil persuna nkarigata mill-IT sabiex dan jibda' bi xoghlijiet li hemm bzonn. Se jintuza' wkoll il-kompjuter li hemm fil-Board Room wara li jsirulu xi modifikazzjonijiet.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Kunsillier A. Chetcuti</u>

1. Il-Kunsillier staqsa jekk hux se ssir l-ikla annwali tal-Milied u jekk se ssir fejn huwa pjanat li ssir. Huwa ssugerixxa li peress li fil-lokalita' hawn 3 stabbilimenti ta' l-ikel, jkun ferm ahjar jekk din l-ikla ssir f' wiehed minnhom. Wara diskuzzjoni gie deciz li l-ikla ssir fl-10 ta' Jannar 2014 u li jintalbu xi kwotazzjonijiet.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk hux possibli li fil-lokalita' jibda' jsir *clamping*. Wara diskuzzjoni, il-Vici Sindku ppropona li din l-iskema l-ewwel tibda' topera bhala test fit-toroq ta' l-Ibrag, Triq il-Qasam u Triq it-Tiben. Is-Segretraju Ezekuttiv ha l-inkarigu li fil-bidu tas-sena l-gdida, huwa se jikkomunika ma' ufficjali ta' Transport Malta dwar kif tahdem din is-sistema.

3. Huwa ssugerixxa sabiex fil- lokalita' jithawwlu aktar pjanti stagjonali sabiex it-toroq tal-lokalita' jkun isbah. Dwar dan, is-Sindku nforma li huwa pjanat li ssir laqgha ma' ufficjali ta' l-ELC.

4. Il-Kunsillier staqsa dwar il-possibilta' li jerga' jibdew jsiru xoghlijiet ta' thawwil ta' pjanti u tisqija fuq is-siegh tal-High Ridge fi Triq Sant Andrija. Is-Segretarju Ezekkutiv ha l-inkarigu li dwar dan se jaghmel kuntatti mad-Direttur tal-ELC fil-prezenza tal-Kunsillier A. Chetcuti.

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti – ikompli

5. Huwa nforma li fil-futur se jaghmel zjara fi Triq l-Ibrag fejn is-Sindku kien indika li jsiru xi *planters.*

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier irringrazzja lill-kuntrattur li rama d-dawl dekorattiv tal-Milied. Huwa nforma li kellu diversi kummenti pozittivi minnghand ir-residenti dwar dawn id-dekorazzjonijiet.

2. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm xi zvillupi dwar it-trasferiment ta' Centru Civiku. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li huwa rega' kiteb lid-Direttur imma sa issa ma rcieva l-ebda kjarifikazzjoni minnghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet. Il-Kunsillier M. Fava ha l-inkairgu li jindaga ma' l-awtoritajiet kkoncernati dwar din il-materja.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier C. Said nfurmat li kellha diversi rapporti li fi Triq il-Hemmel kantuniera ma' Triq il-Gwielaq hemm 2 tabelli ta' ismijiet tat-toroq li wahda minnhon jehtieg li toghla 'il fuq minhabba olterazzjonijiet fil-kostruzzjoni u l-ohra tinzabar is-sigra li qed tattiha.

Mill-Kunsillier R. Rossignaud

1. Il-Kunsillier irraporta li sa issa t-traffic calmers fi Triq il-Madliena ghadhom ma sarux ghalkemm dawn ilhom zmien li gew approvati minn naha tat-Transport Malta. Huwa ssostna li dawn ghandhom jigu installati mmedjatament peress li s-sewwieqa li jghaddu minn din it-triq baqghu jsuqu bl-addocc. Dak il-hin stess is-Segretarju Ezekuttiv ghamel kuntatt mall-kuntrattur responsabbli u infurmah li dawn ix-xoghlijiet se jkunu lesti fil-bidu tal-gimgha d-diehla diment li t-temp jippermetti u l-kumpanija tat-tramak ma taghlaqx bi shut down ghall-festi tal-Milied.

2. Huwa ssugerixxa li ssir traffic calmer ohra fil-parti ta'isfel ta' Triq Pedidalwett u fil-part fejn tiftah din it-triq. Wara diskuzzjoni, gie deciz li l-Perit tal-Kunsill jigi nfurmat b'dan is-suggeriment.

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier permezz ta' email, baghat lista ta' affarijiet li jridu jigu diskussi. Din l-email se tkun anessa ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

2. Huwa rrefera ghat-tabelli tat-traffiku (No Entries) li hemm fuq wara fid-dahla tal-pompa tal- *petrol* fi Triq it-Tiben. Il-Kunsill gie nfurmat li skond is-suggerimenti mit-Transport Malta, dawn it-tabelli irridu jinqalghu u jehlu 2 tabelli tal-One Way ohra aktar 'il fuq minn dawk ezistenti. Jekk il-propjetarju tal-pompa jirrifjuta li jaqla' dawn it-tabelli, allura ghandhom jigu nfurmati t-Transport Malta.

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier staqsa dwar meta se tigi attwata l-approvazzjoni ta' Tranport Malta dwar Triq il-Migbed. Huwa ssostna li la din giet approvata mill-awtoritajiet kkoncernati ghandha ssir mill-aktar fis. Il-Kunsillier A. Curmi informa li fil-futur qarib se ssir laqgha ma' l-ufficjal tat-Transport Malta, is-Sur C. Muscat, fil-lokalita' taghna sabiex tigi diskussa u eventwalment implimentata din il-approvazzjoni.
   Il-Kunsillier A. Curmi ha l-inkarigu li hekk kif jigi ifissat dan l-appuntament huwa se jinforma lil kulhadd. Il-Vici Sindku staqsa x'inhuma l-kundizzjonijiet li t-Tranport Malta pproponiet dwar din l-approvazzjoni. Il-Kunsillier M. Fava staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghmel kuntatt ma' Transport Malta biex jithaffef dan il-process u jsir dan l-appuntament. Il-Kunsillier talab li jkun prezenti ghal din il-laqgha.

2. Huwa rrefera ghall-problema ta' skart li qed jinhareg barra mill-hinijiet tal-gbir u ghall-problema ta' *parking* bl-addocc. Il-Kunsillier issugerixxa sabiex jekk hu possibli jkun hawn aktar gwardjani lokali fit-toroq tal-lokalita'. Is-Sindku ha l-inkairgu li fil-laqgha li jmiss tar-Regjun se jqajjem dan il-punt.

Il-Kunsillieri R. Rossignaud u A.Curmi gew skuzati. Il-hin kien 7.50pm u 7.55pm rispettivamnet.

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li ta' spiss qed tircievi lmenti li vetturi kbar ta' kostruzzjoni qed jipparkjaw u jghaddu minn Triq is-Slielem. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li dawn l-ilmenti ghandhom jintbaghtu mal-ewwel lill-MEPA sabiex dawn jkunu jistghu jinvestigaw dak il-hin.

2. Hija infurmat li nhar il-Hadd 5 ta' Jannar 2014 se tigi organizata quddiesa ccelebrata mill-Arcisqof ghaldaqstant hija ssugeriet li jigu armati xi tined f'kaz li jaghmel il-maltemp. Wara diskuzzjoni, is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsillier M. Abela sabiex tigbor xi kwotazzjonijiet. Il-Kunsill approva wkoll bibita' zghira hafna ghal din l-okkazzjoni.

Mill-Vici Sindku

1. Huwa nforma li bhalissa ghaddeja komunikazzjoni sabiex jitwaqqaf Kunsill ghaz-zghazagh fil-lokalita'. Huwa nforma li harget applikazzoni sabiex dawk kollha interessati setghu japplikaw. L-applikazzjonijiet tal-persuni msemmija hawn taht ga ntbaghtu lill-agenzija.

   Tyler Cassar
   Alexia Attard
   Rijan Montesin
   Greta Attard
   Daniel Cassar
   Micheal Falzon

2. Il-Kuntratt ta' Silos Ltd. (Progett Pilota)

   Il-Vici Sindku nforma li skond il-kuntratt originali issa fadal biss li jigu msewwija l-hsarat li hemm fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Madliena kif ukoll issir it-tarmak fil-*lower part* ta' Triq il-Madliena.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

<u>Mill-Vici Sindku - ikompli</u>

Gie miftiehem li jinhareg cheque bl-ammont ta' retention pero' f' dan l-ammont ma jigix inkluz it-total ta' Triq il-Madliena kif ukoll ta' l-ahhar xoghlijiet li saru. Il-pagament ghandu jkun ta' €63,172.68. L-ammont ta' €18,222.37 jibqa' fil-pussess tal-Kunsillu jigu rrillaxati biss meta jitlestew ix-xoghlijiet kollha stipulati fil-kuntratt. Huwa kkonferma wkoll li kellu kuntatti mal-Perit tal-Kunsill sabiex jikkonferma dawn il-figuri. Il-Vici Sindku nforma li huwa ga kiteb ufficjalment lis-Sur Muscat sabiex mill-aktar fis jiltaqa' mieghu halli jigu kkjarifikati l-punti msemmija hawn taht.

- X'inhu pjanat li jsir it-tiswijiet tal-hsarat fi Triq il-Madliena
- Meta huwa pjanat li jibda' dan ix-xoghol
- Kemm tamonta l-istima ta' konkos rikjest fil-parti ta' taht ta' Triq Pedidalwett
- Il-Kuntrattur ghandu jintalab jekk fl-arbitragg li se jsir bejn il-kumpanija u l-Kunsill dwar xi xoghlijiet ta' hsarat ghandux jkun rapprezentat minn arbitru wiehed jew tlieta.

3. Huwa informa li kellu kummenti ferm pozittivi dwar il-magazine li tqassam ga f'kull dar fil-lokalita'. Ghaldaqstant kien hemm ukoll min issugerixxa li certu pagni setghu jsiru bil-Malti peress li mhux kulhadd seta' jaqra l-informazzjoni peress li kienet miktuba bl-Ingliz.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku pprezenta rapport idettaljat dwar il-hidma tieghu f' dan l-ahhar xahar. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti- App. B

2. Is-Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill, ir-rapport tal-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2013. Is-Sindku ppropona li dan għandu jingħata kollu jiġifieri 10%. Huwa nforma li is-Segretarju Eżekuttiv dejjem ħadem b' mod sodisfaċċenti matul din is-sena. Huwa nforma wkoll li s-Segretarju Eżekkuttiv dejjem kien ta' għajnuna kbira għal din il-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti dwar dan. Il-Vici Sindku ssekonda.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. <u>Performance Bounus ta' l-impjegati tal-Kunsill</u>

   Is- Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, il-performance apprasial reports ta' kull skrivana tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskrivani kollha ħadmu b' mod professjonali u dejjem ghamlu dak kollu possibli ghal beneficcju tal-lokalita' ghaldaqstant huwa rrakomnda li dawn jingħataw il-performance bonus kollu (6%). Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti dwar dan.

2. Huwa nforma lill-Kunsill, li l-kumpanija li tipprovdi l-assigurazzjoni ghall-Kunsill baghtitlna tlett proposti ta' Premiums differenti ghal perjodu t' 3 snin. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ghal din is-sena ukoll tintaghzel Option 1 dik li trammonta €1,632.90 ghal sena wahda.

## VI APPROVAZZJONI TA PAGAMENTI U XIRI IEHOR

1. Giet pprezentata l-iskeda ta' pagamenti nru.68 li ntbaghtet li kull kunsillier permezz ta' *email* minn qabel. Wara li saru xi aggustamenti skond l-*email* tal-Kunsillier A. Curmi ( App.C) ; kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti biex dawn jigu approvati.

Il-laqgha spiccat fit-8.30pm u sar aggornamet ghal nhar il-Hamis 16 ta' Jannar 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**